# <u>Il-Familja u l-Addiction</u>

Konferenza Nazzjonali taħt il-Patroċinju ta' E.T. Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta

Il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju

Grand Hotel

Mġarr Għawdex

<u>E.T. Myriam Spiteri Debono,President ta'Malta</u>

L-Eċċellenza tagħha, Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta fil-messaġġ tagħha semmiet li l-Fondazzjoni OASI hi waħda mill-pilastri tas-soċjeta tagħna. E.T.Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta semmiet ukoll li l-familji ta' dawk l-imsejkna li jkunu maħkuma mill-problema tal-vizzju jgħaddu minn ħafna tbatija ukoll u għalhekk semmiet kemm hu important li l-familja jkollha ukoll il-wens li jkollha bżonn matul il-proċess.

<u>Il-Ministru għall-Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri</u>

L-Onor. Clint Camilleri fetaħ id-diskors tiegħu billi qal li l-ebda komunità ma hi protetta mill-vizzji .L-Onor. Ministru saħaq ukoll li l-vizzju jaf inaqqar il-fiduċja u anke itappan ir-relazzjonijiet. Dawn l effetti jistgħu jestendu u għalhekk l-konsegwenzi jaffetwaw ukoll lill-membri kollha tal-familja.

<u>Il-Ministru għall-Politika Soċjali,l-Onor.Dr Michael Falzon</u>

L-Onor. Dr Micheal Falzon saħaq fuq l-importanza tlal-familja infatti irrefera għall-familja bħala n-nukleu tas-soċjeta'. L-Onor.Ministru irrimarka fuq l-fatt li filwaqt li l-għajnuna tal-Fondazzjoni OASI hija importanti immens, is-sapport tal-familja mal-persuni maħkuma mill-vizzju jrid jkun hemm mingħajr ġudizzju matul it-triq kollha; kemm fil-bidu, kemm matul il-programm ta' riabilitazzjoni u kif ukoll wara.

<u>Il-Kelliem għall-Oppożżizjoni tal-Politika Soċjali, Dr Stephen Spiteri</u>

L-Onor.Dr Stephen Spiteri fetaħ id-diskors tiegħu billi faħħar is-sens ta' voluntarjat li hemm fil-Fondazzjoni OASI. L-Onor.Dr Spiteri saħaq li qed naffaċjaw realta' fejn qed naraw żieda tal-użu tad-drogi b'mod ġenerali fejn emfasiżża dwar l-użu li żdied b'mod sostanzzjali fejn tidħol tal-kannabis f'pajjiżna, fejn eventwalment dan qed iwassal biex ikun ta' piż żejjed fuq is-servizzi tas-saħħa, bħall-emerġenza u servizzi tas-saħħa mentali.

<u>Kelliem 1</u> - <u>Dr Charlie Azzopardi</u>

Dr Charlie Azzopardi li hu terapista sistemiku u l-fundatur tal-Institute of Family Therapy Malta, beda d-diskors tiegħu billi semma memorja tal-istorja tall-ewwel każ ta' *overdose* tal-eroina f'Malta, li baqgħet miegħu minn meta kien żgħir. Mil-perspettiva tiegħu meta xi ħadd mil-familja ma jkunx jiflaħ dan jiġifieri li l-familja kollha ma tkunx tiflah u dan narawh ukoll meta nsemmu l-addiction. Dr Azzopardi saħaq li l-familja m' għandiex bżonn biss is-sapport iżda ukoll it-terpija għaliex din l-aktar li tgħin u ġġib bidla. Dr Azzopardi kompla billi jsemmi ukoll li waqt kampanji ta' għarfien wieħed għandu joqgħod attent x'jgħid għaliex dan jista jkun aktar ta' deni milli ġid. Dr Azzopardi għalaq id-diskors tiegħu billi għamel diversi suġġerimenti lill-politikanti inkluż li għandna nwaqqfu dan l-paradoss li ngħidu li iridu nwaqqfu d drogi u fil-verita' bħala pajjiż permezz ta' xi legalizazzjonijiet nagħmlu affarijiet bil-kontra.

Kelliem 2 – E.T. Mons Anton Teuma

E.T. Mons Anton Teuma , Isqof t'Għawdex u studja ukoll l-psikoterapija sistemika fl-Institut tat-Terapija tal-Familja f'Malta fetaħ id-diskors tiegħu billi qal li l-addiction hija tip ta' relazzjoni. Kompla billi jgħid li kull bniedem huwa addict,hu spjega dan billi qal li kollha għandna bżonn inkun f 'xi relazzjoni u meta tibda titneħħa din l-liberta' hemmhekk aħna insiru addicts. E.T. Mons. Teuma tkellem ukoll dwar ir-responsabilitajiet żejda li ċertu tfal ikollhom u kemm hi għafsa ta' qalb meta tisma' li t-tfal jispiċċaw responsabli u jridu jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom infatti ġab l-eżempju ta' tifel li irid jiġbor lil ommu u jdaħħalha fis-sodda għax kienet fis-sakra. E.T.Mons Teuma għamel referenza ukoll għall-aħbar xokkanti li sa Mejju li għadda fi Sqallija kien irrapurtat sbatax-il każ ta' overdose fit-tfal li dawn ħadu d-droga minn tal-ġenituri tagħhom.

Kelliem 3 – Dr Matthew Berry

Dr Matthew Berry li huwa Clinical Counselling Psychologist beda d-diskors tiegħu billi saħaq li l-bażi tal-addiction hija li l-persuna taħrab mir-realta'. Dr Berry tkellem ukoll dwar l-idea li meta persuna tmur programm ta' riabilitazzjoni ma toħroġx minn hemm awtomatikament persuna perfetta, iżda wieħed irid jevalwa l-ambjent fejn bdiet il-problema tal-addiction fil-bidu. Dr Berry saħaq ukoll dwar l-importanza tal-empatija u li hu importanti immens li t-tfal jridu jiġu esposti għaliha għaliex jekk dan ma jkunx l-każ jista jwassal għall- problemi ta' imġieba fil-futur. Dr Berry ta ukoll l-eżempju li meta persuna tħossha waħidha tkun esposta għall-istess ammont ta' riskji bħal meta persuna tkun tpejjep. B'dan l-eżempju Dr Berry għaraf l-importanza li nieħdu ħsieb lilna nfusna, fejn dan jinkludi l-importanza tal-emozzjonijiet pożittivi li jipproduċu s-serotonin (*happy hormone*).

Kelliema 4 u 5 – Ms Graziella Cutajar Scerri u Ms Jessica Rae Bonello

Is-Sa Graziella Cutajar Scerri li hi Koordinatur tas-Servizzi tal-Kura tal-Fondazzjoni OASI tkellmet ftit dwar dak li l-Fondazzjoni OASI tiltaqa' miegħu f'dan ir-rigward. Is-Sa Cutajar Scerri semmiet li iktar ma jgħaddi żmien iktar qed jaraw li minn dawk in- nies li qed iffitxu l-għajnuna 69% minnhom irrapurtaw li kien hemm addiction fil-familja tagħhom. Hija saħqet ukoll li l-addiction hi marda tal-familja kollha u nfatti l-konsegwenzi jibqgħu għaddejjin, hawnhekk Ms Cutajar irreferit għall-storja fejn persuna għamlet programm ta' riabilitazzjoni erba' snin ilu u sal-lum il-ġurnata l-persuna u l-familja kollha tagħha għadhom jaffaċjaw il-problemi. Is-Sa Cutajar Scerri semmiet kemm hu importanti l-familja tkun involute bis-sħiħ f'kull pass tal-irkupru għax meta jiġri hekk dan iwassal għall-iktar suċċessi fl-istorji tal-irkupru tal-individwi.

Jessica Rae Bonello li hi Therapy Facilitator fl-istess Fondazzjoni kompliet billi spjegat ftit dwar il-programm tal-familja li l-Fondazzjoni OASI tapplika mal-familjari ta' dawk li jkunu qedgħin programm. Ms Bonello semmiet li jiġu diskussi diversi suġġetti differenti biex b'hekk jkunu jistgħu jgħinu lill-familjari ukoll. Hija saħqet l-importanza li bħala familja kulħadd jieħu ħsieb tiegħu innifsu għax inkella kif tista' persuna tieħu ħsieb ħaddieħor u ma tieħux ħsieb tagħha infisha. Is-Sa Bonello għalqet d-diskors billi semmiet kemm dan il-programm tal-familja qed iħalli impatt pożittiv fuq dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizz tal-Fondazzjoni OASI.

Is-Sur Noel Xerri, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni OASI

Is-Sur Noel Xerri, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni OASI beda il-messaġġ tiegħu billi semma li l-kelma addiction ġejja mill-kelma Latina addicere, li tirreferi għal persuna li wara li tkun spiċċat bid-dejn minħabba l-logħob issir skjav ta' dawk il-persuni li lilhom għandha taghti sakemm id-dejn kollu li għamlet jispiċċa u fil-fatt hekk jispiċċa l-addic, skjav ta' dak li fil-bidu kien ta' pjaċir. Is-Sur Xerri saħaq fuq li l-familja ji l-aktar organu importanti fis-soċjeta. Is-Sur Xerri semma' ukoll l-importanza li l-familja

tagħmel distinzzjoni bejn l-bżonn u l-kapriċċ. Is-Sur Xerri għalaq id-diskors tiegħu bl-istess sentenza li għalaq f'Jum l-OASi li mhux kulħadd qed fl-istess dgħajsa imma kulħadd qed fl-istess baħar għalhekk important li niġbdu l istess ħabel l-istess naħa għall-ġid ta' kulħadd.

Il-Fondazzjoni OASI tixtieq tirringazzja lil dawk li attendew din l-Konferenza biex b'hekk għall-sena oħra jintlaħaq l-għan ta' din l-konferenza u jkun hemm iktar għarfien dwar is-suġġett.